

Brussell, 8 ta' Lulju 2022
(OR. en)

11013/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0213(COD)

CODEC 1092
ECOFIN 714
RELEX 944
COEST 527
NIS 18

NOTA PUNT "A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kunsill

Suġġett: Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li ttipprovdi assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali lill-Ukrajna (**l-ewwel qari**)

- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv
- Deċiżjoni li ssir deroga mill-perjodu ta' tmien ġimgħat previst fl-Artikolu 4 tal-Protokoll 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-UE

1. Fl-4 ta' Lulju 2022, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 212 TFUE.
2. Fis-6 ta' Lulju 2022, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma t-test ta' kompromess finali, kif jinsab fid-dokument ST 10939/22, u awtorizza lill-Presidenza tibgħat ittra lill-President tal-Kumitat tal-Parlament Ewropew għall-Kummerċ Internazzjonali (INTA) li tikkonferma li, jekk il-Parlament Ewropew jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, f'konformità mal-Artikolu 294, il-paragrafu 3 tat-Trattat, fil-forma li tinsab fid-dokument ST 10939/22, il-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 294, il-paragrafu 4 tat-Trattat, japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew u l-att għandu jiġi adottat b'dik il-formulazzjoni, soġġett, jekk meħtieġ, għal reviżjoni mill-ġuristi lingwisti taż-żewġ istituzzjonijiet.

¹ 10939/22.

3. Fl-istess jum, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti qabel ukoll li, jekk il-Parlament Ewropew jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fil-forma li tinsab fid-dokument ST 10939/22, kif riveduta mill-ġuristi lingwisti taż-żewġ istituzzjonijiet f'PE-CONS 43/22, matul is-sessjoni plenarja tal-4-7 ta' Lulju 2022, din il-proposta ser tiġi ppreżentata direttament lill-Kunsill, jiġifieri lill-konfigurazzjoni tiegħu tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji fil-laqgħa tiegħu tat-12 ta' Lulju 2022, u l-Kunsill jiġi mistieden japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew bħala punt "A" u jidderoga, abbażi tal-Artikolu 3(3), it-tieni subparagrafu, tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, mill-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dak l-Artikolu, fid-dawl tal-urġenza tal-kwistjoni kif stabbilit fil-preambolu tal-att leġislativ².
4. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fis-7 ta' Lulju 2022³. Ir-riżultat tal-votazzjoni tal-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill.
5. Il-Kunsill huwa mistieden:
- japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari, kif tidher fid-dokument PE-CONS 43/22;
 - jidderoga, abbażi tal-Artikolu 3(3), it-tieni subparagrafu, tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, mill-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dak l-Artikolu, fid-dawl tal-urġenza tal-kwistjoni, kif tinsab fil-preambolu tal-att leġislativ.
6. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislativ jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

Wara l-iffirmar mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġislativ jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

² 10955/22.

³ 10960/12.